## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2022 – BPCE *et* vs SRB

## (Kawża T-393/22)

(2022/C 311/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* BPCE (Pariġi, Franza) u l-45 rikorrent ieħor (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni Nru SRB/ES/2022/18 tal-11 ta' April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 lill-SRF sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;

— bis-saħħa tal-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara inapplikabbli d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament SRM ([1]), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ([2]) u tar-Regolament ta' Delega ([3]):

    — l-Artikoli 69(1), 69(2), 70(1) u 70(2)(a) u (b) tar-Regolament SRM;

    — l-Artikoli 4(2), 5, 6, 7 u 20 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta' Delega;

    — l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw tmien motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-391/22, Société Générale *et* vs SRB.

([1]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).

([3]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2022 – Banque postale vs SRB

## (Kawża T-394/22)

(2022/C 311/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* La Banque postale (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni Nru SRB/ES/2022/18 tal-11 ta’ April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 lill-SRF sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;

— bis-saħħa tal-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara inapplikabbli d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament SRM ([1]), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni ([2]) u tar-Regolament ta’ Delega ([3]):

  — l-Artikoli 69(1), 69(2), 70(1) u 70(2)(a) u (b) tar-Regolament SRM;

  — l-Artikoli 4(2), 5, 6, 7 u 20 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta’ Delega;

  — l-Artikolu 4 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw tmien motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-391/22, Société Générale *et* vs SRB.

([1]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

([2]) Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta’ Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).

([3]) Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Lulju 2022 – Crédit agricole *et* vs SRB

**(Kawża T-410/22)**

(2022/C 311/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Crédit agricole SA (Montrouge, Franza) u t-48 rikorrent ieħor (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni Nru SRB/ES/2022/18 tal-11 ta’ April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 lill-SRF sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;

— bis-saħħa tal-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara inapplikabbli d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament SRM ([1]), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni ([2]) u tar-Regolament ta’ Delega ([3]):

  — l-Artikoli 69(1), 69(2), 70(1) u 70(2)(a) u (b) tar-Regolament SRM;